1 ta' *Mejju*, 1953.

Imħallfin:

Is-S.T.O. Dr. L. A. Camilleri, LL.D., *President;*
L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, LL.D.
L-Onor. Dr. T Gouder, LL.D.

**Kiħna T. Balani ne. *versus* Paolo Mifsud pr. et ne.**

**Rakkomandatarju — Bastiment — Polza tal-Kariku — Assikurazzjoni — Danni.**

*Ir-responsabilità tar-rakkomandatarju tispiċċa malli l-merkanzija tit-wassal fuq il-moll fil-"verandas" tal-Gvern.*

*L-estensjoni tar-responsabilità ta' l-aġent tal-vapur fil-post ta' l-iżbark tal-merkanzija għandha titqies preċiżament kif pattwita fil-post tal-karikazzjoni mill-armatur jew l-aġent ta' l-istess vapur.*

*Għaldaqstant, darba l-merkanzija ġiet imwassla l-art, ir-responsabilità tar-rakkomandatarju tispiċċa, u hu ma jkunx responsabili għad-danni jekk wara l-merkanzija ma tinstabx aktar.*

*Id-destinatarju tal-merkanzija li kienet assikurata, meta din tiġi misruqa wara li ġiet żbarkata, li jonqos li jagħmel ir-reklam tiegħu kontra s-sikurtà fiż-żmien ta' sena mill-preżunt arriv tal-merkanzija, jitlef l-azzjoni għad-danni minħabba l-inkurja tiegħu. U billi in segwitu r-rakkomandatarju jallega li l-merkanzija qatt ma kie-*

***net fil-fatt ġiet żbarkata, u dan jagħmlu wara li jkun għadda ż-żmien li fih id-destinatarju seta' jirreklama kontra l-kumpannija assikuratriċi bil-proċedura solita, u dik id-dikjarazzjoni tkun inveridika, id-destinatarju ma għandux dritt jibbaża azzjoni ta' danni kontra dak ir-rakkomandatarju fuq il-motiv li r-rakkomandatarju għamel tardivament dikjarazzjoni li l-merkanzija kienet "short landed"; għax dikjarazzjoni falza ma tistax tkun legalment produttiva ta' drittijiet.***

Il-Qorti, — Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Qorti tal-Kummerċ, li bih l-attur nomine ppremetta li fix-xahar ta' Lulju 1948, hu kellu jimporta f'Malta per mezz tal-vapur "Operosità", li kien rakkomandat għall-aġenzija għand il-konvenut, kwantità ta' drapp "rayon", spedit mid-ditta Taljana "Magnoni e Tedeschi", liema merċi kienet effettivament tidher fil-manifest meta l-istess vapur wasal Malta, tant li l-konvenut irrilaxxjalu d-"delivery order" relativa, li fuqha rdana ħallas il-valur tagħha lil Barclay's Bank, minn fejn irtira d-dokumenti neċessarji biex jirċievi l-konsenja ta' l-istess merċi; illi dina l-merċi ma ġiet qatt lilu konsenjata, billi għall-ewwel il-konvenut qal li ġiet żbarkata u misruqa, u għalhekk hu ma setax jużufruwixxi bl-assikurazzjoni li kienet tkopriha, u in segwitu ddikjara li l-istess merċi ma kienet qatt ġiet żbarkata f'Malta; illi dina l-aħħar dikjarazzjoni tal-konvenut saret wara li skada ż-żmien utili, li huwa sena, biex hu jinoltra domanda għar-riżarċiment minn għand id-ditta assikuratriċi, u għalhekk, minħabba fin-nuqqas ta' attenzjoni tal-konvenut u negliġenza tiegħu, huwa sofra danni fis-somma ta' £106. 17. 9, kif jirriżulta mill-prospett markat dok. "X", salvi l-lukri kummerċjali u l-ispejjeż legali; u illi, non ostanti diversi promessi ta' transazzjoni da parti tal-konvenut, u non ostanti l-protest ta' l-10 ta' April 1951, l-istess konvenut baqa' inadempjenti; u talab illi, wara li tiġi mogħtija kull dikjarazzjoni neċessarja u meħud kwalunkwe provvediment opportun, prevja d-dikjarazzjoni li a kawża ta' l-imġieba tiegħu, kif hawn fuq spjegata, kif ukoll minħabba fin-nuqqas ta' attenzjoni u negliġenza, huwa kkawża danni lill-istanti fl-okkażjoni tal-partita "rayon" provenjenti mid-ditta Taljana "Magnoni e Tedeschi", li kellha tiġi importata

f'Malta per mezz tal-vapur "Operosità" matul ix-xahar ta' Lulju 1948, u li huwa responsabili għar-rizarċiment ta' dawn id-danni, jiġi kundannat iħallsu, għas-sald ta' l-istess danni, is-somma ta' £106. 17. 9, jew kull somma oħra verjuri li tiġi likwidata. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-protest ta' l-10 ta' April 1951, u bil-lukri kummerċjali minn dina d-data, kontra l-konvenut;

Rat fol. 23 in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut proprio et nomine, li fiha qal illi, in kwantu huwa jinsab ċitat f'ismu proprju, għandu jiġi liberat mid-domandi attriċi. In kwantu ċitat biex jirrappreżenta d-ditta "Mifsud Brothers Limited", u bħala agent tal-vapur "Operosità", jissottometti illi huwa mhux responsabili għad-danni pretiżi mill-attur, billi dan, meta daħal il-vapur u rċieva minn għandu d-"delivery order" sabiex jirtira l-merkanzija in kwistjoni, kien fid-dover li jieħu l-passi neċessarji kontra l-kumpannija assikuratriċi — jekk huwa veru li l-merkanzija kienet verament assikurata — immedjatament malli rriżultalu li l-merkanzija tiegħu ma nstabetx fid-depożitu tal-Gvern, u mhux jittraskura dan iż-żmien kollu u l-lum jipprova jinkolpa lill-eċċipjenti;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Kummerċ tad-19 ta' Frar 1952, li biha dik il-Qorti lliberat lill-konvenut in kwantu ċitat f'ismu proprju; bl-ispejjeż kontra l-attur nomine, u ordnat li, għad-diliġenza tar-Reġistratur ta' dawn il-Qrati, tiġi mibgħuta lill-Kollettur tad-Dwana kopja tad-depożizzjoni tal-konvenut fol. 32 et seq. għall-finijiet ta' kull pass li dan jista' jidhirlu li għandu jieħu a propożitu ta' dak li hemm fiha dwar id-dikjarazzjoni fittizja li nbagħtet lill-awtoritajiet doganali; billi dik il-Qorti kkunsidrat;

Illi deher mill-provi li d-ditta attriċi fl-1948 importat minn għand id-ditta Taljana "Magnoni e Tedeschi" partita drapp "rayon", li kellha tasal f'Malta mal-vapur "Operosità", li tiegħu hi rakkomandatarja d-ditta "Mifsud Brothers", konvenuta. Skond il-manifest, eżibit fol. 70 tal-proċess, il-marki u n-numri ta' din il-balla "tessuti rayon" kienu "T.B. K.B. 97514"; id-dokumenti kienu għal Barclays Bank, li huma indikati bħala riċevituri. L-istess indikazzjoni hemm fil-polza tal-kariku fol. 69. Il-merċi kienet assikurata (fol.

6) u l-assikurazzjoni kienet tkopri, fost riskji oħra, ir-riskju tan-nuqqas ta' konsenja. Il-vapur wasal f'Malta fis-6 ta' Lulju 1948. Minn abbord, fil-fatt, ma tniżżlitx balla b'dawk il-marki u b'dawk in-numri, imma, skond it-"tally sheets", tniżżlet balla markata "T.B. 57154". Id-ditta konvenuta ssostni li din il-balla, malgrado d-differenza żgħira fl-ittri tal-marka u fin-numru, hija dik tad-ditta attriċi. Intant lanqas din il-balla ta' l-aħħar ma ġiet rintraċċjata. Id-ditta attriċi ssostni li, peress li d-ditta konvenuta nsistiet dejjem li l-balla tad-ditta attriċi kienet ġiet żbarkata, u ma tatx iċ-ċertifikat li l-balla kienet "short-landed", għalhekk skorra t-terminu ta' sena li fih setgħet tagħmel ir-reklam lill-kumpannija tas-sikurtà, u b'hekk sofriet id-dannu li issa qiegħda tirreklama mid-ditta konvenuta;

Issa, biex l-attur nomine jirnexxi fl-assunt tiegħu, hemm bżonn li jissoddisfa lill-Qorti li l-balla tar-"rayon" destinata lilu kienet fil-fatt "short-landed";

L-imħallef sedenti ma jħossux konvint minn daqshekk. Il-"head tally clerk" Ellul (fol. 80 et seq.) spjega li ġie li jkun hemm din id-differenza żgħira fil-marki. Hu fatt li t-tmien balal "rayon" li kienu jinsabu fuq il-vapur "Operosità", skond il-polza tal-kariku kollettiva u l-manifest (salva dik id-differenza żgħira fil-marka), tniżżlu kollha minn abbord;

Għandu jiġi notat illi mill-erba' ittri tal-marka indikata fil-manifest.............. Għalhekk il-"balance of probability" hu illi l-balla ta' l-attur nomine kienet appuntu dik li tniżżlet minn abbord bil-marka "T.B. 57514";

Huwa indubitat illi r-responsabilità tar-rakkomandatarju tispiċċa malli l-merkanzija titwassal fuq il-moll fil-"verandas" tal-Gvern (App. "Borg vs. Camilleri ne." 15 ta' Marzu 1929, Vol. XXVIII—I—802);

Din il-limitazzjoni tar-responsabilità hija anki ribadita fil-klawsola numru 23 għar-tergo tal-polza tal-kariku. A propożitu ta' din il-klawsola, bl-eżenzjoni ta' responsabilità fiha kontenuta, għandu jiġi osservat illi hu prinċipju in materja illi l-estensjoni tar-responsabilità ta' l-aġent fil-post ta' l-iżbark tal-merkanzija għandha titqies preċiżament kif pattwita

fil-port tal-karikazzjoni mill-armatur jew l-aġent ta' l-istess bastiment (ara deċiż. Appell, Pres. Sir Antonio Micallef, fil-kawża "Neg. Joseph Arrigo vs. Neg. William Smith ne.", 15 ta' Marzu 1875);

Daniel Debono, *fol.* 41, xehed li *l-merkanzija* kollha li ġiet żbarkata minn fuq il-vapur fuq imsemmi f'din l-okkażjoni ġiet kollha ritirata, ħlief xi "items" li, peress li ma ġewx ritirati mill-veranda fiż-żmien meħtieġ, ġew imdaħħla skond il-liġi fid-Depot. Żied igħid dan ix-xhud *li fid-depost ma daħalx il-koll "T.B. 57514", u* għalhekk bilfors xi ħadd ħadu mill-veranda, ladarba minn abbord jirriżulta li ġie żbarkat;

Għaż-żmien li għadda bejn li l-merkanzija ġiet imwassla l-art u li ma nstabetx aktar, id-ditta konvenuta *mhijiex responsabili;*

Del resto, l-azzjoni ta' l-attur nomine kienet tkun anki żbaljata fuq ir-rifless li, ladarba s-sena tat-terminu għall-azzjoni kontra l-kumpannija tas-sikurtà *kienet tiskadi f'Lulju* 1949 (infatti tiddekorri mill-arriv preżunt tal-merċi f'Lulju 1948), l-attur nomine, seta' kieku ried, jagħmel tempestivament *ir-reklam tiegħu* kontra s-sikurtà, u intant, almenu wara l-ittra uffiċjali li għamel f'Marzu ta' l-1949, *fol.* 49, ifittex id-ditta konvenuta għar-rilaxx taċ-*ċertifikat* dwar ix-"short-landing", biex ma jitlefx id-drittijiet tiegħu; molto pjù li s-sikurtà li kellu kienet tkopri mhux biss in-nuqqas ta' *konsenja*, imma anki t-telf tal-merċi *mill-maħżen għall-maħżen* ("magazzino a magazzino"). Ma jirriżulta bl-ebda mod li hu nsista għal dak iċ-ċertifikat qabel ma ddekorra t-terminu ta' sena, jew li nsista li ssir il-"claim" kontra s-sikurtà, salv li jottjeni anki ġudizzjarjament dan iċ-*ċertifikat*. Kien *hemm għalhekk inkurja da parti tiegħu*, li hi ostattiva għall-azzjoni tad-danni, apparti li ma rriżultax il-fatt li l-balla tiegħu kienet "short-landed", bażi ta' l-azzjoni tiegħu;

Hu veru li rriżulta illi fl-1951 il-konvenut nomine għamel dikjarazzjoni lill-Awtorità Doganali illi *din il-balla* kienet "short-landed", iżda din kienet dikjarazzjoni fittizja, biex jiġi evaż id-dazju. Għalhekk din iċ-ċirkustanza ma hijiex ta' ajwi lill-attur nomine, għalkemm timponi l-provvediment infraskritt;

Kwantu għall-eċċezzjoni li l-konvenut f'ismu proprju ma għandu x'jaqsam xejn, din hi fondata; għaliex il-kwalità ta' rakkomandatarju tal-vapur tappartjeni lid-ditta "Mifsud" mhux lill-konvenut f'ismu;

Rat in-nota ta' l-appell ta' l-attur nomine, li biha dana appella mis-sentenza tal-Qorti tal-Kummerċ tad-19 ta' Frar 1952 fuq imsemmija;

Rat il-petizzjoni ta' l-attur appellant, li talab ir-revoka tas-sentenza appellata fuq imsemmija u l-laqgħa tat-talbiet tiegħu; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi t-talba ta' l-attur tinsab bażata fuq l-allegata dikjarazzjoni tardiva da parti tal-konvenut li l-merċi in kwistjoni ma kienet ġiet qatt żbarkata f'Malta, peress li meta saret id-dikjarazzjoni kienet għaddiet is-sena utili biex ikun jista' jsir reklam lill-kumpannija tas-sikurtà, fil-waqt li qabel dik id-dikjarazzjoni kienet saret oħra li l-merkanzija kienet ġiet żbarkata u misruqa wara l-iżbark;

Illi mill-kumpless tal-provi rriżulta, kif ġie rilevat fis-sentenza appellata, li fil-fatt il-merkanzija in kwistjoni kienet ġiet żbarkata minn fuq il-vapur, għalkemm fit-"tally sheet" dehret innutata b'marka daqsxejn differenti minn dik tal-manifest. Fuq dan il-pont il-Qorti taqbel ma' l-Ewwel Qorti, għax il-provi jwasslu b'mod ċar għal dik il-konklużjoni. Immela, l-ewwel dikjarazzjoni relativa għall-iżbark, li għamlet id-ditta konvenuta, kienet fil-fatti tikkorrispondi għall-verità. F'dak l-istadju d-ditta attriċi ebda pass ma ħadet biex tagħmel ebda reklam lid-ditta assikuratriċi bil-proċedura solita, meta fil-fatti d-ditta attriċi ma rċevietx il-merkanzija. Evidentement tnisslet xi inċertezza u dubju fuq dak li kien ġara, u d-ditta attriċi qagħdet tistaqsi informazzjonijiet biex tivverifika l-pożizzjoni. Aktar tard id-ditta konvenuta għamlet dikjarazzjoni xort'oħra, billi qalet li l-merkanzija ma kienetx ġiet żbarkata f'Malta; iżda allura kien tard għad-ditta attriċi biex tieħu passi ħalli titħallas mid-ditta assikuratriċi; u għalhekk l-attur attribwixxa t-telfa tad-dritt tiegħu kontra s-sikurtà għad-dewmien kolpuż tal-konvenut

nomine fl-għemil ta' dik id-dikjarazzjoni. Iżda d-dewmien fl-għemil ta' dik id-dikjarazzjoni da parti tal-konvenut nomine ma ġiebx, u ma setax iġib, bħala konsegwenza t-telfa tad-dritt ta' l-attur li jdur kontra s-sikurtà; għaliex dik id-dikjarazzjoni rriżultat falza u mhux korrispondenti għall-verità, u bħala tali ma setgħetx tkun legalment produttiva ta' drittijiet favur l-attur. U tabilħaqq, biex l-attur seta' legalment idur kontra s-sikurtà, kien jeħtieġ li fil-fatt il-merkanzija ma tkunx ġiet żbarkata f'Malta; u dana ma kienx il-każ. Għaldaqstant, kif ġiet impustata, l-azzjoni ma tistax tiġi sostnuta, u l-appell għalhekk ma jistax jiġi milqugħ;

Għal dawn ir-raġunijiet u għal dawk ta' l-Ewwel Qorti, li huma mħaddna, il-Qorti tiċħad l-appell; bl-ispejjeż kontra l-appellant.